MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2008

Numru 494/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**Versus**

**Mario Apap**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mario Apap ta’ 50 sena bin Joseph u Josephine nee Cassar imwieled Marsascala fid-29 ta’ Jannar 1955 u joqgħod 85 Tria il-Qalb ta’ Ġesu’ Paola u li għandu l-karta ta’ l-identita’ bin-numru 164955 (M)

Akkużat talli fit-2 ta’ Ġunju 2005 u fil-jiem ta’ qabel din id-data, b’diveris atti ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b’reżoluzzjoni waħda u cioe’ talli:

(1) Fit-2 ta’ Ġunju 2005 għall-ħabta tas-07.20 am f’Santa Venera bil-ħsieb li jhedded lil uliedu u martu kif ukoll lis-social workers li jaħdmu fid-dar tal-Qalb Imqaddsa ta’ Ġesu’ f’Santa Venera wera dan il-ħsieb b’atti esetrni u ta’ bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan ir-reat liema reat ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidnetali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;

(2) fl-1 ta’ Ġunju 2005 gaħll-ħabtat tad-08.45 am ġewwa Ħal-Tarxien hedded lil bintu Graziella Apap billi qalilha li kien ser jiskarna lil ommha u jagħtihielha f’idejha;

(3) fl-14 ta’ Mejju 2005 għall-ħabta tat-8.00pm ġewwa Santa Venera volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew mmobbli liema ħsara tiskorri l-ħamsin Lira Maltija (Lm50) iżda anqas minn ħames mitt Lira Maltija (Lm500) għad-detriment tad-diriġenti tal-Knisja;

(4) fl-14 ta’ Mejju 2005 għall-ħabta tat-8.00 pm ġewwa Santa Venera hedded lis-social worker Josette Stensen bi kliem waqt il-qadi ta’ dmirijietha;

(5) fl-14 ta’ Mejju 2005 għall-ħabta tat-8.00 pm ġewwa Santa Venera kiser il-paċi pubblika bl-għajjat u ġlied;
(6) fl-14 ta’ Mejju 2005 għall-ħabta tat-08.00 pm ġewwa Santa Venera qal kliem oxxen u dagħa fil-pubbliku;

(7) fl-14 ta’ Mejju 2005 għall-ħabta tat-8.00pm ġewwa Santa Venera mingħajr ma darab jew sawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra ibsin, jew waddabhom jew qabad armi oħra kontra n-nies;

(8) huwa reċediv b’diversi sentenzi;

(9) talli kiser kundizzjoni li ngħata mill-Maġistrat Dr.J.Apap Bologna LLD fil-25 ta’ Frar 2005 biex ma jdejjaqx jew ma jimmolestax lil martu Maria Concetta Apap jew membri tal-familja taħgha għall-perjodu ta’ sena.

Il-Qorti ntalbet ukoll li minbarra l-piena, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' ta' mart l-imputat u uliedu kif ukoll is-social workers li hemm fid-dar tal-Qalb ta' Ġesu' Santa Venera jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat torbot lil Mario Apap b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tkun iffissata mill-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-process inkluż il-fedina penali ta' l-imputat, ic-certifikat tat-twelid li jġib in-numru 1649 tas-sena 1955; ir-risposta tiegħu li ma kienx ħati ta' l-imputazzjonijiet a fol 10; is-sentenzi esebiti u li jinsabu fil-process a fol 18 sa 32; l-istqarrija ta' l-imputat a fol 33 meħuda fil-15 ta' Mejju 2005; ir-ritratti preżentati a fol 36; il-*current incident report* li kien magħmul minn Josephine Semsen a fol 39 tal-process sa fol 42; il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji a fol 63; il-kunsens ta' l-imputat biex dawn il-proceduri jkunu sommarji a fol 10; ir-ricevuti tal-ħsara a fol 71 sa 73; is-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. Dennis Montebello fl-ismijiet 'Spettur Ramon Mercieca vs Mario Apap' fit-2 ta' Dicembru 2004 u li fiha l-imputat kien kkundannat iħallas Lm30 ta' tliet kontravenzjonijiet li tagħhom instab ħati; il-verbal li fih dan il-każ tħalla għas-sentenza għall-5 ta' Marzu 2008.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensur u ta' l-abbli prosekutur.

Ikkonsidrat illi

Fit-2 ta' Ġunju 2005, l-ispettur Mario Bonello kien infurmat mis-surġent li l-imputat kien reġa mar fl-istitut tal-Qalb ta' Gesu li qiegħed fi Triq San Ġuzepp il-Ħamrun biex jara lit-tfal meta dan kien hemm garanzija u kien imwissi diversi drabi biex ma jmurx hemm. Kemm it-tfal tiegħu kif wkoll is-*social workers* kienu jibżgħu minnu. Fl-1 ta' Ġunju għalkemm kienu avżawh biex ma jmurx hemm hekk, u fl-14 ta' Mejju 2005 għall-ħabta tat-8.00am kien hedded *social worker* kif wkoll kisser il-bieb ta' barra. L-ispettur

esebixxi 5 kopji ta' sentenzi mogħtija fil-konfront ta' Mario Apap, 3 minnhom mogħtija fil-25 ta' Frar 2005 mill-Maġistrat Dr. Apap Bologna u tnejn minnhom mogħtija fit-2 ta' Ottubru 2004 mill-istess Magistrat.

**Stqarrija ta' l-imputat**

L-imputat għamel stqarrija fl-għassa tal-pulizija tal-Hamrun fil-15 ta' Mejju 2005 fis-2.10am. Huwa qal li kien mar id-dar magħrufa bħala l-Qalb ta' Ġesu fi Triq il-Kbira San Ġuzepp fejn hemm il-mara tiegħu u t-tfal tiegħu. Huwa mar biex jara lit-tfal li kien ilu ħafna ma jarahom. Huwa beda jibki u qal lis-*social worker* li ried jara lit-tfal. Is-*social worker* qaltlu li ma setgħax jarahom minħabba Ordni tal-Qorti. Is-*social worker* kienet qed tkellmu minn wara l-bieb li kien magħluq u meta qaltlu illi ma setgħax jarahom, telqet lejn it-taraġ. L-imputat qal li huwa beda jagħti fuq il-bieb u inkiser il-ħġieġ.

Huwa nnega li beda jhedded lis-*social worker*. Huwa kien qal lis-*social worker* li li kieku kellha t-tfal, kienet tagħmel bħalu. Huwa għajjarha 'kelba' u kompla jgħid li jekk fir-rabja kien qal xi ħaġa, jiskuża ruħu mas-*social worker* u jiddispjacieh talli għamel. Fil-fatt, jekk jara lil din is-*social worker* barra lanqas jgħarafha. L-imputat qal illi kien ser jagħmel tajjeb għall-ħsara li wettaq.

Xehed ukoll PS 964 Robert Scicluna illi huwa kkonferma il-5 ritratti li kien ħa fid-dar Qalb ta' Ġesu High Road Ħamrun nhar l-14 ta' Mejju 2005.

Xehed PS 1243 George Polidano illi qal li s-*social worker* fid-dar Qalb ta' Gesu fi Triq il-Kbira San Guzepp St.Venera kienet rrapurat li l-imputat mar fid-dar imsemmija sabiex jistaqsi għat-tfal. Din qaltlu li t-tfal ma riedux jinżlu u imbgħad beda jheddidha li ser isib lilha u lill-familja tagħha. Huwa beda jagħti bis-sieqa mal-bieb. Minn fuq il-monitor huma raw lil Mario Apap ikisser il-ħġieġ tal-bieb ta' barra b'xi zokk li kellu f'idu (fol 38). Mario Apap kien ammetta li kien involut f'dan l-incident u li kisser il-bieb.

PC 574 Emanuel Buhagiar qal li fl-14 ta' Mejju 20005 kienu ssejħu fid-dar Qalb ta' Ġesu fi Triq il-Kbira San Guzepp u hu ra tkissir tal-ħġieġ. Dak il-ħin l-imputat ma kienx hemm. L-imputat wara kien ammetta li żbalja u qalilhom li lest iħallas għall-ħsara (fol 44).

Xehdet Josette Semsen li hija *social worker* fid-dar Qalb ta' Gesu. Din qalet illi lill-imputat kienet spjegatlu li t-tfal ma riedux jinżlu u ħasset li l-imġieba ta' l-imputat kienet qed theddidha. Hu qalilha li xi darba jiltaqgħu fit-triq flimkien mal-familja tagħha. Infatti rrepetiet a fol 37 'Xi darba jiena u inti ma niltaqgħux fit-triq, jiena u familtek.'

Malli għalqet il-bieb beda jagħti fuqu. L-espressjoni ta' l-imputat inbidlet. Kliem ħażin ma kienx hemm.

Xehed ukoll Joseph Camilleri li huwa residenti fid-dar Qalb ta' Gesu fi Triq il-Kbira San Guzepp u huwa l-amministratur tad-dar. Huma kienu saru jafu li l-imputat kien reġa ġie u beda jkisser il-bieb. Iżda hu personalment qatt ma rah ikisser il-bieb. Qal illi l-ispejjeż kienu ta' madwar Lm72. Huwa kompla żied jgħid li l-imputat diġa kellu ordni biex ma jersaqx lejn il-post. Hawn hekk ix-xhud spjega li mhux it-tfal ta' l-imputat biss kienu jibżgħu minnu imma it-tfal l-ohra kollha.

Xehdet ukoll Carmen Camilleri li hija l-mara ta' l-amministratur tal-post. Din kkonfermat li kien hemm incident tal-ksur tal-ħġieġ mal-bieb ta' barra. Hi ma kiniex prattikament preżenti. It-tfal kienu qalulha li riedu jmorru l-iskola u l-imputat kien qiegħed fil-karozza barra kif bdew joħorġu għall-iskola.

Xehdet ukoll Graziella Apap, it-tifla ta' l-imputat li qalet li ilhom joqgħodu fid-dar Qalb ta' Gesu fi Triq il-Kbira San Ġuzepp sentejn u xahrejn. It-tifla qalet illi missierha kien mar l-iskola u beda jgħajjat u beda jhedded lil ommha u qal illi jekk ikun jaf min qed jgħawwiehom għalih, ħazin ikun għalih. Fuq ommha kien qal li lest li jiskarnaha (fol 59).

Xehed ukoll PS 860 Keith Caruana illi qal li kienu rcevew telefonata mingħand is-*social worker* tad-dar Qalb ta' Ġesu fi Triq il-Kbira San Guzepp, jiġifieri Carmela Camilleri li kienet infurmat lill-pulizija li kien hemm Mario Apap barra t-triq u ma setgħux joħorġu bit-tfal għall-iskola minħabba li bdew jibżgħu minnu. Dan ix-xhud kien mar fuq il-post fejn sab lil Mario Apap bil-karozza pparkjat. Ingħata struzzjonijiet mill-għassa sabiex jarresta lil Mario Apap

Xehed ukoll Joseph Camilleri li kien riprodott u qal illi jidhirlu li l-ispejjeż kienu Lm72 b'kollox u wara ppreżenta r-ricevuti a fol 71A, 72 u 73.

L-ispettur Ramon Mercieca kkonferma l-identita' ta' l-imputat fis-sentenza mogħtija fit-2 ta' Dicembru 2004 mill-Maġistrat Dennis Montebello.

Xehdet is-Sinjura Apap li qalet li ma setgħetx tibqa' fid-dar matrimonjali minħabba l-attitudni ta' l-imputat. Dan jew tagħmel dak li jgħidlek hu jew inkella jibda jkisser u jfarrak u anke ġieli jerfa' idejh fuqek. Huma kienu ħerġin għall-iskola u kienu sabuh wara l-bieb u kien mar l-iskola tat-tfal u l-Head kien cempel l-għassa ta' Hal Luqa. Hemm hekk beda jhedded lix-xhud meta kien qed jitkellem mat-tifla. Kienet it-tifla li qaltilha x'kien qal missierha l-iskola. Anke l-għada reġgħu sabuh jistenna u kienu għamlu rapport fl-għassa tal-Ħamrun. Huma kienu rrapurtaw għax mhux suppost jara lit-tfal. Hu suppost jara lit-tfal biss sagħtejn darba fil-ġimgħa u jkunu supervised. Fl-14 ta' Mejju t-tfal kienu qed jilgħabu u ma riedux joħorġu u kellmitu xi *social worker*. Wara ftit bdew jisimgħu il-ħġieġ jinkiser. Mistoqsija in kontro eżami mill-avukat difensur jekk ir-raġel ried jirranġa l-kwistjonijiet ta' bejniethom, ix-xhud qalet li hi ma tridx tirranġa għax hu jibqa' jheddidha li jekk ma tmurx miegħu jiskarnaha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel imputazzjoni: Tentattiv 41(1)(b), 95(1)(2), 339(1)(e), 31(g) tal-Kap 9**

Jirriżulta mix-xhieda li l-imputat kien fiżikament preżenti quddiem id-dar Qalb ta' Ġesu' ġewwa Santa Venera meta t-tfal kienu sejrin l-iskola. Skond ix-xhieda ta' Marija Cncetta Apap huma kienu rrapurtaw lill-Pulizija tal-Hamrun.

L-imputat qal li kien qed jistenna jiftaħ Gejtu Auto Dealer (ara current incident report a fol.69) meta dan effettivament jiftaħ aktar tard.

Il-Qorti l-ewwel ser teżimina xi tfisser il-kelma 'minaccia' jew theddid.

Skond l-Antolisei "La Minaccia' (it-theddid) consiste nel prospettare ad una persona un male futuro, il cui avverarsi dipende dalla volonta' dell'agente. (126)[1]

L'annuncio del danno futuro puo' verificarsi in modi assai diversi con parole, con scritti, con disegni, con gesti od altri atti espressivi, come per esempio mostrare un'arma o un oggetto che puo' essere scambiato per tale. La minaccia puo' manifestarsi in svariate forme ed appunto in relazione alle varieta' dei mezzi adoperabili la dottrina parla di minaccia esplicita o ***implicita***, diretta o indiretta, reale o simbolica. E' necessario che l'azione non sia diretta ad ottenere immediatamente una determinate condotta del soggetto passivo, perche' altrimenti ricorrerebbe il delitto di violenza privata. (138)

La presenza del soggetto passivo non e' necessaria: basta che costui ne venga comunque a conoscenza. (139)

Non si richiede che il danno preannunnziato sia determinato, e cioe' rifletta un preciso interesse del soggetto pasivo: e sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita' della persona a cui e rivolta, come

[1] Ir-referenzi li ħdejhom jidhru n-numri tal-paġini jidhru fil-Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I ta' F.Antolisei.

nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro' vedere di che cosa sono capace!' (140)

Dwar dak li effettivament ġara fit-2 ta' Ġunju 2005 (almenu skond id-data tar-rapport magħmul minn Carmela Camilleri u kif xehed PS 860 Keith Caruana (fol.66)[2] jirriżulta li l-imputat kien fiżikament quddiem id-dar tal-Qalb Imqaddsa f'Santa Venera f'ħin meta t-tfal ikunu sejrin l-iskola u meta l-imputat kien marbut li ma jersaqx lejn mas-social workers ta' l-istess dar skond sentenza tat-8 t'Ottubru 2004 u lejn Mary Concetta Apap skond sentenza tal-25 ta' Frar 2005.

L-imputat ma qal xejn fid-data indikata la lil martu u lanqas lil xi social worker. Biss il-preżenza tiegħu wara l-Bieb tad-Dar Qalb Imqaddsa f'Santa Venera nisslet biża' speċjalment meta wieħed iqis il-ħin kruċjali li fih kienu ħerġin it-tfal għall-iskola.

Il-Prosekuzzjoni akkużat lill-imputat b'attentat ta' theddid lil martu, lil uliedu kif ukoll lis-social workers li jaħdmu fid-dar imsemmija.

L-att ta' esekuzzjoni ravviżat mill-Prosekuzzjoni kienet il-preżenza ta' l-imputat f'post li strettament mhux suppost kien fih.

Meta wieħed jikkonsidra d-definizzjoni legali tat-theddid kif esposta mill-Antolisei, fl-assenza ta' xi forma ta' kliem bil-fomm jew ġesti jew tpinġijiet il-Qorti ma tistax tqis li l-aġir ta' l-imputat jaqa' taħt l-ewwel imputazzjoni u **għalhekk qed tilliberah minnha.**

**It-Tieni Imputazzjoni Theddid lil bint l-imputat 339(1)(e) tal-Kap 9**

Jirriżulta li l-imputat qal lil bintu x'kien beħsiebu jagħmel lil ommha jekk din keient qed tgħawwi lil uliedha kontra tiegħu. Effettivament t-theddida hija direta lejn l-omm. Lit-tifla setgħet werwritha iżda fl-imputazzjoni kellha

[2] Marija Concetta Apap semmiet id-data 1 ta' Ġunju (ara fol.80)

tissemma l-persuna li lejha kienet immirata t-theddida. L-omm ma tessimhiex fl-imputazzjoni u t-tifla setgħet twerwret iżda mhux hi li kienet mhedda. Għaldaqstant, il-Qorti **qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.**

**It-Tielet Imputazzjoni Ħassar u Għarraq Ħwejjeġ Ħadd ieħor. 325(1)(b) tal-Kap 9.**

L-imputat ammetta din l-imputazzjoni fl-istqarrija u mix-xhieda t'hawn fuq din l-imputazzjoni hija ampjament ippruvata kemm li tassew sar it-tkissir u l-valur tal-ħsara li saret . Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni.

**Ir-Raba' Imputazzjoni. Theddid lis-social worker. 95(1) tal-Kap 9**
Il-kliem 'Niltaqa' miegħek u familtek barra' li hemm prova li qalhom l-imputat lis-social worker Josette Sensen huma minaċċja jew theddida ċara skond kif definita mill-Antolisei kif jidher aktar 'il fuq. Dan sar ukoll waqt li s-social worker kienet qed taqdi dmirha. L-imputat qal li hu qalilha 'kelba', li lanqas biss jagħrafha u kien lest jiskuża ruħu. . Dan ma jgħoddx bħala skużanti. Is-social workers qed jagħmlu xogħol pubbliku f'sitwazzjonijiet delikati f'konflitti tal-famlija u huma protetti bl-artikolu 95(1) tal-Kap 9. Fuq kollox l-imputat kien qiegħed f'post li lanqas biss suppost kien fih. Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni.

**Il-ħames Imputazzjoni – Ksur tal-Paċi Pubblika Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9.**

L-imputat kisser bieb f'dar li hija miftuħa għall-pubbliku u hedded lis-social worker. Il-Qorti ssibu ħati ta' din l-imputazzjoni iżda qed tqis li din hija assorbita ai fini ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

**Is-Sitt Imputazzjoni. Kliem Oxxen 228(bb) tal-Kap 9.**

M'hemm ebda prova li l-imputat qal xi kliem oxxen anzi s-social worker xehdet li f'mumenti kien hemm komunikazzjoni ma' l-imputat u ma semgħet ebda kliem

oxxen. Għaldaqstant il-Qorti qed **tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.**

**Is-Seba' Imputazzjoni – Qabad xi ħaġa iebsa. 339(1)(b) tal-Kap 9**

Jirriżulta li l-imputat kellu xi zokk waqt li beda jkisser il-bieb tad-Dar imsemmija. Din il-kontravenzoni taqa' taħt it-titolu 'Kontravenzjonijiet kontra l-Persuna' u l-Prosekuzzjoni ippruvat li ntuża xi zokk fuq il-bieb iżda mhux fuq xi persuna. Il-Qorti għalhekk qed **tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.**

**It-Tmien Imputazzjoni – Reċidiv 49 u 50**

Il-Qorti fliet is-sentenzi esibiti. Jidher li l-imputat beda jisntab ħati iżda ma jkunx issentenzjat fi tlieta mis-sentenzi u fl-oħra kien akkużat b'kontravenzjonijiet biss. Fl-assenza ta' kundanna fi tlieta mis-sentenzi u b'sejbien biss ta' ħtija ta' kontravenzjonijiet fl-oħra, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx din l-imputazzjoni u **għalhekk qed tillibera lill-imputat minnha.**

**Id-disa' Imputazzjoni – Ksur ta' kondizzjoni li ma jimmolestax lil ċerti perusni 383 tal-Kap 9**

Din l-imputazzjoni hija ampjament ippruvata u fiż-żewġ sentenzi li għandhom x'jaqsmu mar-res gestae odjerni, l-imputat kien daħal għall-obbligazzjoni totali ta' Lm200 (mitejn Lira Maltija). Il-Qorti ssibu ħati ta' din l-imputazzjoni u ser tikkundannah iħallas mitejn lira Maltija (Lm200) – jiġifieri l-obbligazzjonijiet li kiser.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 31(g),28A, 41(1)(b),95(1)(2),339(1)(e),325(1)(b),338(dd), 228(bb),339(1)(b), 49, 50,383 tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tat-tielet, ir-raba', il-ħames, u d-disa' imputazzjoni bil-ħames imputazzjoni assorbita fit-tielet imputazzjoni u qed tilliberah mil-ewwel, mit-tieni, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjoni

Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' ħames xhur sospiżi għal sena, multa ta' 240 Euro li tista' titħallas bir-rata ta' 40 Euro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma titħallasx xi parti mill-multa din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull ll.65 Euros mhux imħallsin. Il-Qorti spjegat l-artikolu 28A tal-Kap 9 lill-imputat fi kliem sempliċi. Kull żmien li l-imputat għadda taħt arrest għandu jinqata' miż-żmien li għalih l-imputat kien ikkudnannt b'din is-sentneza.

In vista tal-ksur tal-kundizzjonijiet imposti fuq l-imputat kif jidher fl-imputazzjoni numru 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas 465.87 Euros ( Lm200). Dawn iridu jitħallsu fi żmien xahar mil-lum inkella jinbidlu fi priġunerija ta' 39 jum.

Il-Qoriti ser timponi obbligazzjoni oħra fuq l-imputat.

**MAĠISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------